MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 351/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Elton Taliana)
Vs
Maximilian Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta' April, 2010 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija (19:15hrs) gewwa Triq Hal Warda, Attard,

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravissima fuq il-persuna ta' Rebecca-Marie Falzon ta' hdax il-sena;
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Sarah-Marie Falzon ta' hdax il-sena.

3. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq ventura bin-numru ta’ registrazzjoni NOE 121 ghad-dannu ta’ Christopher Calleja mill-Mosta, liema hsara tkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);
4. Talli saq vettura ta’ l-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni HBD 096 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-awtorita’ dwar it-trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;
5. Talli saq l-imsemmija ventura b’numru ta’ registrazzjoni HBD 096 ta’ l-ghamla Peugeot minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta dwar riskji ghal terzi persuni;
6. Talli saq motor-car jew vettura ohra ta’ l-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HBD 096 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, jew b’mod perikoluz;
7. Saq jew prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b’numru ta’ registrazzjoni HBD 096 fi triq pubblika meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
8. Saq vettura ta’ l-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HBD 096 u ecceda il-limitu ta’ velocita skond il-ligi;
9. Bhala xufier ta’ vettura b’numru ta’ registrazzjoni HBD 096 naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta’ l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f’incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura;
10. Naqas li jieqaf fi triq li kienet immarkata b’linji bojod paralleli, jew b’sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta’ nies bil-pass, biex ihalli lin-nies bil-pass jaqsmu;
11. Akkuzat ukoll talli fl-istess data u hin fi Triq l-Imdina, Attard waqt li kien qed isuq il-vettura ta’ l-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni HBD 096 naqas milli jieqaf fuq is-sinjali ta’ dawl tat-traffiku meta id-dawl kien ahmar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 49, 50, 216, 218, 226(1)(a)(b) u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 67, 89, 125, 127 ta’ l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sebgha imputazzjoni migjuba kontra tieghu fic-citazzjoni, u filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet indikati fil-paragrafi “i”, “k” u “m” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali u lliberatu minnhom, sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali b’dan li ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni (il-paragrafu “b” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju) sabet lill-appellant hati tar-reat minuri kompriz u involut ta’ offiza gravi involontarja ai termini ta’ l-artikolu 226(1)(b), u kkundannatu sentejn prigunerija w skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ ghaxar (10) snin minn meta jiskonta l-piena karcerarja hawn imposta. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-vettura ta’ tip Peugeot Partner bin-numru ta’ registrazzjoni HDB 096, u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 535 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkundannat lill-appellant biex fi zmien sitt xhur ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ tlett elef u tnejn u disghin Euro u sitta w sittin centezmu (€3,092.66) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Awissu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi waqt li tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tikkonfermaha fuq dawk l-imputazzjonijiet illi minnhom mhux qed isir appell, tirrevokaha ghall-kumplament u specjalment tirriformaha dwar il-piena li kienet gravuza u tenut kont tal-karcerazzjoni illi l-appellant ghamel, li l-istess tigi ridotta ghal piena aktar konformi mal-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati f’kazi simili.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Ghandu jinghad illi dan huwa forsi l-uniku kaz fejn persuna baqghet arrestata ghal zmien hekk konsiderevoli fuq imputazzjoni ta' offizi gravi involontarji. Fl-istess zminijiet persuni ohra tressqu b'akkuzi anke ta' qtil involontarju u nghataw il-liberta` provizorja. Uhud minnhom anke mal-ewwel gurnata. Jista` jissemma per ezempju l-kaz "Pulizija vs Kevin Ellul" fejn kien hemm il-qtil ta' persuna issa deciz mill-Appell Kriminali illi nghata l-liberta` provizorja mill-ewwel gurnata u ma nghata l-ebda kundanna ta' habs. Hemm ohrajn illi wkoll hargu bil-liberta` provizorja mal-ewwel. Dan qed jigi sollevat ghaliex jindika l-forma mentis tal-Qorti li quddiemha jkun deher u li finalment ukoll tiggudikah fil-mertu.

**Sentenza dwar eċċezzjoni mqajma mill-Avukat Ġenerali.**

Waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2011, l-Avukat Ġenerali qajjem l-eċċezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minħabba li, skont kif qed jallega l-Avukat Ġenerali, li dan ma jissodisfax l-artikoolu 419 tal-Kap 9. Skont l-Avukat Ġenerali mhux biżżejjed li fit-talba aħħarija l-Qorti tintalab

*'tirriforma s-sentenza appellata billi waqt li tikkonfermha fejn sabitu mhux ħati u tikkonfermha fuq dawk l-imputazzjonijiet illi minnhom mhux qed isir appell, tirrevokaha għall-kumplament u speċjalment tirriformaha dwar il-piena li kienet gravuża u tenut kont tal-karċerazzjoni illi l-esponenti għamel, li l-istess tiġi ridotta għal piena aktar konformi mal-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati f'każi simili.'*

L-Avukat Ġenerali qed jissottometti li l-appellant ried ikun aktar preċiż billi jindika eżatt u mhux b'mod ġeneriku fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tirriforma u fejn għandha tikkonferma.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett ma jidhirx li l-Avukat Ġenerali qed jallementa xi ksur tal-ewwel żewġ sub-paragrafi tal-artikolu 419(1) tal-Kap 9. Il-fatti fil-qosor qegħdin jinsabu fir-rikors u tant ieħor hemm ir-raġunijiet tal-appell. Iżda l-Avukat Ġenerali qed jissottometti li l-paragrafu hawn fuq riprodott ma jimxix mas-sub-paragrafu (ċ) tal-artikolu 419(1) tal-Kap 9 li jiddisponi hekk:

'(ċ) it-talba għat-taħsri jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorit inferjuri.'

Fil-fehma tal-Qorti, il-Kap 12 Dwar il-Proċedura Ċivili huwa aktar esiġenti meta jipprovdi kif għandu jsir appell milli dan is-subinċiż (ċ). Il-Qorti taqbel li l-affarijiet ikunu aktr ċari kemm għal min irid jirrispondi għar-rikors tal-appell – bil-miktub jew oralment – kif ukoll għall-istess Qorti.

Iżda l-Qorti mhix qed taqbel li dan ir-rikors huwa null.

Diġa' ngħatat l-ewwel raġuni fil-paragrafu preċedenti.

Iżda l-Qorti qed tikkonsidra wkoll ġurisprudenza ta' din il-Qorti. Fil-każ 'Il-Pulizija verus Noel Tanti u Anthony Tanti (10 ta' Marzu, 2010) l-imħallef l-Onor.Dr David Scicluna li kien qed jippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali kien ddeċieda hekk:

*'Fis-seduta tat-28 t'Ottubru 2009 l-Avukat Dr Jason Grima għall-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullita' tar-rikors ta' appell ta' Anthony Tanti peress li talab ir-revoka tas-sentenza minflok il-varjazzjoni tal-istess. Din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikors imsemmi jispjega x'inhuma t-talbiet tal-*

*appellant, u cioe' biex din il-Qorti tikkonferma s-entenza appellata fejn illiberat lill-appellant u tirrevokha fejn sabitu ħati, u, alternattivament, biex tirriformha in kwantu l-piena dedotta. Għalhekk l-eċċezzjoni mhix qed tiġi milqugħa.'*

Effettivament, it-talba fir-rikors promotorju f'dan il-każ kienet

*'tirrevoka s-sentenza appellata billi tikkonferha fejn sabet lill-appellanti mhux ħati u tirrevokha għall-kumplament.'*

Il-kliem użat fit-talba li kkonsidrat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ imsemmi huwa simili ħafna għal dak użat fi-rikors tal-lum. Dan, apparti l-fatt li fil-każ li saret referenza għalih, l-appellant kien użu l-kelma 'revoka' flok 'varjazzjoni', sitwazzjoni li mhix riflessa fir-rikors tal-lum.

It-tieni każ li qed tikkonsidra l-Qorti huwa 'Il-Pulizija veruss Carmel Joseph Farrugia' tas-26 t'April 2007. Is-sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imħallef l-Onor. Joseph G Galea Debono. L-appell kien intavolat mill-Avukat Ġenerali u l-appellat qajjem l-eċċezzjoni tan-nullita' tar-rikors.

Minkejja l-qosor tar-rikors, il-Qort tal-Appell Kriminali xorta sabet it-tliet rekwiżiti meħtieġa mil-Liġi u ċaħdet l-eċċezzjoni.

Każ ieħor dwar it-teknikalitajiet tal-artikolu 319 wasal sal-Qorti Kosituttzjonali. Dan kien 'Norman Lowell versus Avukat Ġenerali' fejn il-Qorti Kostituzzjonali sabet ksur minħabba, li skont hi, kien hemm ħjiel biżżejjed ta' x'kienu l-fatti (fil-qosor) kif jitlob l-artikolu 419.

Ir-raba' każ li qed tirreferi għalih il-Qorti huwa sentenza tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem kif jidher fis-sommarju t'hawn taħt:

***'Efstathiou and Others v. Greece*** (no.
36998/02) ***Violation of Article 6 § 1 (fairness)***

The applicants are five Greek nationals, former employees of the Athens water authority (EYDAP).

In 1996 EYDAP terminated their contracts on the ground that they had reached retirement age and had worked for 35 years. Taking the view that their retirement age should be 65 and not 58, the applicants brought proceedings seeking to have the decision set aside and to be reinstated.

On 9 April 2002 the Court of Cassation dismissed an appeal by the applicants on points of law, on the ground that they had not specified clearly the facts of the case on which the court of appeal had based its decision.

Relying in particular on Articles 6 § 1 (right to a fair hearing) and 13 (right to an effective remedy), the applicants alleged a breach of their right of access to a court.

The Court observed that the rule on which the Court of Cassation had based its decision to dismiss the applicants' appeal on points of law was a principle enshrined in its case-law and arose out of the specific nature of the Court of Cassation's role, which was limited to reviewing whether the law had been correctly applied.

In the Court's view, the applicants' appeal had not obliged the Court of Cassation to re determine the facts of the case. The first five grounds of appeal had related solely to the court of appeal's interpretation of the provisions applied in the case, which meant that presentation of the facts had not been essential in order for the Court of Cassation to conduct its review. In addition, the central facts of the case had not been particularly complicated and the impugned judgment had in any event been attached to the appeal.

In the circumstances the Court considered that the facts of the case as established by the court of appeal had been brought to the attention of the Court of Cassation. In declaring the grounds of appeal inadmissible on the ground that the applicants "had not specified clearly the

facts of the case on which the court of appeal had based its decision”, **the Court of Cassation had taken an excessively formalistic approach, which had prevented the applicants from having the merits of their allegations examined by that court.**

As the limitation on the applicants’ right of access to a court had been disproportionate to the aim of ensuring legal certainty and proper administration of justice, the Court held unanimously that there had been a violation of Article 6 § 1.’ [1]

Fi ftit kliem ġaladarba wieħed għandu dritt ta’ appell, waqt li huwa importanti li l-appellant jixmi mal-artikolu 419 għax iż-żamma tal-ordni tħaffef il-proċedura, wieħed irid

---

[1] Din hija referenza oħra dwar il-bilanċ li għandu jinżamm bejn il-Liġi tal-Proċedura li hija neċessarjissima u bejn id-dritt tal-appell

‘23. La Cour note que l'obligation d'indiquer ledit élément dans le pourvoi en cassation n'est pas inclus dans l'article 465 § 2 du code de procédure pénale ou, comme il ressort du dossier, dans une autre disposition pertinente ; elle fut retenue par la Cour de cassation dans son arrêt n° 724/2007. Qui plus est, l'arrêt attaqué de la cour d'appel était, dans la présente affaire, joint au pourvoi en cassation et il ressort de la décision du 2 avril 2007 que la Cour de cassation a, d'une part, consulté cet arrêt et, d'autre part, vérifié le fait que S.N. avait représenté le requérant devant la cour d'appel de Corfou. Aux yeux de la Cour, exiger dans ces conditions qu'une référence à la représentation du requérant par S.N. devant la cour d'appel soit encore faite dans le pourvoi en cassation constitue une approche par trop formaliste et se concilie mal avec les exigences du droit d'accès à un tribunal (voir, en ce sens, *Efstathiou et autres c. Grèce*, n° 36998/02, § 32, 27 juillet 2006).

24. Au vu des conséquences qu'a entraînées l'irrecevabilité du pourvoi en cassation pour le requérant –lequel n'a pas pu dans le contexte d'un procès pénal faire entendre ses moyens de cassation par la haute juridiction interne–, la Cour estime qu'il s'est vu imposer une charge disproportionnée qui rompt le juste équilibre entre, d'une part, le souci légitime d'assurer le respect des exigences procédurales entourant le dépôt du pourvoi en cassation et, d'autre part, le droit d'accès au juge (voir, en ce sens *Kadlec et autres c. République tchèque*, n° 49478/99, § 23-30, 25 mai 2004 et *Walchli*, précité, § 36). Partant, vu l'importance particulière que revêt le droit à un procès équitable dans une société démocratique, il y a eu violation de l'article 6 § 1 de la Convention.’

joqgħod attent minn formaliżmu żejjed li joħnoq id-dritt ta’ appell.

Għar-raġunijiet hawn fuq esposti tiċħad l-eċċezzjoni iżda tordna lill-appellant biex seduta stante jagħmel il-pożizzjoni tiegħu aktar ċara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------